L-Eid ta' Rabia

L-Eid ta' Rabia

LAĠNA IMAILLAH
Gran Brittanja

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Rabia's Eid
in Maltese Language.

© Islam International Publications Ltd

Ippubblikat għall-ewwel darba bl-Urdu minn Nażarat Naxro Ixaat – Kadjan
fl-2008 bħala "*Achee Kahanian*"
Miġbur minn Bushra Qureshi
Mitbugħ bl-Ingliż b'ċertu modifikazzjonijiet fil-Gran Brittanja fl-2014
Tradott bl-Ingliż mis-Sinjura Sheerman Butt
Arranġamenti minn Fauzia Mirza
Prodott tad-Dipartiment ta' Ixaat (Pubblikazzjonijiet)
Laġna Imaillah, Gran Brittanja 2014

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Tel: +356-27342401 Tel: +356-21322105
Mob: +356-79320139 Fax: +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 978-99957-59-24-7

بِسْمِ ٱللَّهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Rabia kienet tifla ċkejkna, intelliġenti u ferħana, iżda hekk kif kien riesaq l-Eid, dehret imdejqa ħafna.

Darba waranofsinhar, meta diġà bdiet tagħmel is-sħana, hekk kif hija kienet qed tilgħab bil-pupa tagħha, hija qalet,

"Kont taf Dolly li Natasha għandha libsa bi strixxi tad-deheb għall-Eid?

Urithieli meta mort naraha lbierah. Tant hi sabiħa, u ommha xtratilha wkoll żarbun u brazzuletti biex jaqblu magħha! U kont taf li l-libsa ta' Samia hija saħansitra isbaħ minn dik ta' Natasha!

Hija turkważ bir-rakkmu tad-deheb.

Hija ppruvatha quddiemi u dehret qisha prinċipessa. Il-ħabiba tiegħi Tooba għandha libsa roża b'antaċċoli bojod; ommha xtratilha sandli jleqq biex jaqbel mal-libsa u anki ġiżirana bajda. Il-libsa ta' Samia tixbah l-ilbies tal-prinċipessi li kien hemm fl-istejjer li kienet taqralna n-nanna!

Taf x'tip ta' lbies se tilbes Naila fl-Eid?

Il-libsa tagħha hi wkoll sabiħa ħafna bi tberfil tad-deheb fiha. **Kont taf Dolly, li din id-darba l-mamà ma xtratli l-ebda lbies għall-Eid.**" Waqt li lissnet dan Rabia nstemgħet imdejqa ħafna.

Imbagħad qalet, "Smajt lill-mamà tgħid lill-papà li mhux se jkollna lbies ġdid għal dan l-Eid il-għaliex ma naffordjawhx.

Taf għaliex Dolly ġara hekk?

Il-mamà u l-papà għamlu xi ħaġa vera tajba. Huma ħallsu għal ilbies u ornamenti ġodda għal Sara, li tgħix fit-triq tagħna u tgħallimna naqraw il-Koran Imqaddes. Tiftakar Dolly li Oħtna Sara m'għandhiex papà u għalhekk il-mamà u l-papà ħallsu kollox fit-tieġ tagħha!

Il-mamà qalet li tkun qed tagħmel att ta' ġid meta tnaqqas mill-infiq tiegħek ħalli tkun tista' tgħin lill-oħrajn."

Mingħajr ma kienet taf Rabia, ommha kienet qed tismagħha titkellem mal-pupa tagħha mill-kamra l-oħra.

Rabia kienet il-mimmi ta' għajnejn il-ġenituri tagħha, u minkejja li kienet tirċievi ħafna mħabba u għożża, Rabia ma kinitx tifla mfissda u ommha kienet mara għaqlija ħafna. Dakinhar filgħaxija meta ommha kienet qed iddaħħalha fis-sodda, Rabia staqsietha,

"Ma, x'se nilbes jien fl-Eid?"



Ommha weġbitha,

"Għażiża tiegħi, is-sbuħija vera ta' tfal bil-għaqal hija l-manjieri tagħhom, u mhux l-ilbies li jilbsu. Issa, għidli, x'jisimha l-festa li se niċċelebraw?"

"Eid-ul-Ażħa," wieġbet Rabia mal-ewwel, **"u tissejjaħ ukoll il-Festa tas-Sagrifiċċju."**

"Brava," qalet il-mamà. "Ok, għaliex tissejjaħ il-Festa tas-Sagrifiċċju u liema sagriċċju huwa mfakkar f'din il-festa?"

Rabia wieġbet, **"Din il-festa niċċelebrawha biex infakkru s-sagrifiċċju tal-Profeta Abraham (Ibraħim), (il-paċi tkun**

fuqu) li kien lest li jissagrifika lil ibnu, Ħażrat Ishmael (il-paċi tkun fuqu), fuq kmand ta' Alla l-Għoli."

Rabia ftakret din mill-klassi tagħha. Ommha qaltilha li Alla kien għadda lill-Profeta Abraham (il-paċi tkun fuqu) minn prova oħra. Rabia xtaqet tkun taf iżjed.

Ommha bdiet, "Alla l-Għoli talab lill-Profeta Abraham (il-paċi tkun fuqu) biex iħalli lil martu u lil ibnu fid-deżert. Huwa ħalliehom hemm mingħajr ilma, u fejn ħadd ma kien jidher għal mili sħaħ. Il-mara twajba tiegħu, Ħażrat Ħagar (Ħaġira), kienet mara paċenzjuża u rikonoxxenti li mal-ewwel uriet l-obbidjenza tagħha lejn l-amar ta' Alla l-Għoli.

Alla l-Għoli apprezza ħafna dawn is-sagrifiċċji u huwa biex infakkru dawn is-sagrifiċċji li niċċelebraw Eid-ul-Ażħa kull sena. Ħażrat Abraham (il-paċi tkun fuqu) ingħata t-titlu ta' **Khalil-Ullah**, li tfisser **ħabib ta' Alla**. Huwa għadda minn kull prova li għamillu Alla u baqa' paċenzjuż u sod u qatt ma lminta. Huwa ma kienx inkwieta li se jħalli lil martu u lil ibnu innoċenti fid-deżert mingħajr ikel u xorb għax kien jaf li din kienet biss prova mingħand Alla l-Għoli. Kienet ir-rieda ta' Alla biex jagħti eżempju lill-poplu obbidjenti u grat Tiegħu li lilu kien wiegħed ħafna barkiet.

Huwa ħalaq dan is-sagrifiċċju ta' Ħażrat Abraham (il-paċi tkun fuqu) bħala dawl nebbieħi għan-nies ħalli jsegwuh sal-Jum tal-Ħaqq.

Dawk minna li jibqgħu paċenzjużi u rikonoxxenti wara l-provi u t-testijiet minn Alla l-Għoli jkunu mbierka b'ħafna modi kemm f'din id-dinja kif ukoll f'dik ta' wara.

Kienu ngħataw l-aħbar sabiħa tal-ġenna mingħand Alla. Kemm kienu kbar Ħażrat Abraham (il-paċi tkun fuqu) u ibnu!"

Rabia qagħdet tisma' b'attenzjoni kbira. Ommha rrimarkat:

"Alla l-Għoli m'għalaqx it-toroq biex aħna nsibu l-barkiet; fil-fatt Huwa għallimna din it-talba li għandna ngħiduha fit-Talb ħames darbiet kuljum:

'Mexxina fit-triq it-tajba, it-triq ta' dawk li inti tfajt fuqhom il-barkiet Tiegħek...' (1: 6-7)

Il-barkiet imsemmija f'dawn il-versi huma l-barkiet li Alla rregala lill-Profeti u aħna nistgħu nirċievu dawn il-barkiet anki llum billi nsegwu l-passi ta' dawn il-Profeti ta' Alla (il-paċi tkun fuqhom ilkoll).

Fost il-martri (persuna li toffri ħajjitha lil Alla), Ħażrat Imam Ħussein (jalla Alla jkun kuntent bih) huwa eżempju mill-aqwa għalina.

Kemm wera kuraġġ meta aċċetta li jinqatel u li ma jħalli l-ebda ħsara tolqot lill-Iżlam. Bl-istess mod, fost il-Musulmani

Aħmadin għandna l-eżempju ċar ta' Ħażrat Saħibżada Abdul Lateef Saħib (jalla Alla jkun kuntent bih). Wara li kien ħa l-Bai'at (il-wegħda tal-inizjazzjoni) tal-Messija Mwiegħed (il-paċi tkun fuqu), ir-Re tal-Afganistan ra li jinqatel bla ħniena."

Rabia stqarret, "Imma ma, Ħażrat Imam Ħussein (jalla Alla jkun kuntent bih) u Saħibżada Abdul Lateef Saħib (jalla Alla jkun kuntent bih) ma kinux Profeti ta' Alla."

Ommha wieġbet, "Għandek raġun Rabia, ma kinux Profeti ta' Alla, iżda kienu segwaċi ta' Profeti u għalhekk urew eżempji perfetti ta' obbidjenza. Alla l-Għoli kellu eżempji ta' kull tip maħluqa mill-Profeti.

Aktar mill-oħrajn, il-kap tal-Profeti kollha, il-maħbub tagħna l-Qaddis Profeta Muħammad (jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) kien l-aktar eżempju eċċellenti ta' sabar u gratitudni. Tant hu hekk li wasal żmien meta l-Profeta (jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) flimkien mal-familja u l-ħbieb tiegħu kellu jistkenn f'post fil-muntanji jismu Xaib-Abi-Talib għal aktar minn sentejn. Hemmhekk issapportew tbatijiet kbar bħal ġuħ spjetat madanakollu baqgħu jżommu sod.

Anki llum, Alla l-Għoli jkompli jgħaddi lill-poplu tal-Qaddis Profeta (jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu), magħruf bħala Ummah, minn provi kbar.

Illum ukoll Huwa ttestjana. Kif taħseb li għamel dan Rabia? Minn fejn tikseb ħwejjeġ ġodda u żraben u ikel delizzjuż kull Eid? Ma jimpurtax li f'dan l-Eid ma jistax ikollna ħwejjeġ ġodda! Għamilna sagrifiċċju żgħir li ma jkollniex ħwejjeġ ġodda biex nogħġbu 'l Alla. Nisperaw li jaċċetta l-ħaġa tajba l-oħra li għamilna biex niksbu r-rikonoxximent Tiegħu. **Sagrifiċċji żgħar bħal dawn ifakkruna f'ħutna li huma inqas fortunati minna li jqattgħu ħafna festi b'dan il-mod."**

Rabia staqsiet, **"Hekk ikunu l-provi u t-testijiet ma?"**

"Iva, Rabia, dan hu l-ewwel Eid li inti mhux se jkollok ħwejjeġ ġodda. Kemm tqabbel dan is-sagrifiċċju mat-tbatija ta'

Ħażrat Ħagar u binha ż-żgħir u tintebaħ li dan mhu xejn. Iljieli mudlama, deżerti jaħarqu immens, omm u binha bla difiża waħedhom; **filwaqt li inti għandek dar, il-mamà, il-papà u ħuk, inti mbierka tassew."**

"Iva, ma. Għandek raġun," qalet Rabia daqsxejn imbarazzata.

"Rabia, qatt smajt bl-istorja tar-re li kellu qaddej tassew leali? Darba r-re qatta' bettieħa morra u ġiegħel li titqassam lill-kortiġjani (persuna li tkun preżenti f'qorti rjali bħala kumpann jew konsulent tar-re jew tar-reġina) kollha tiegħu. Kollha qarrsu wiċċhom iżda l-qaddej leali kielha b'ċertu żelu, qisu qed jiekol xi ħaġa delizzjuża. Il-kortiġjani l-oħra

baqgħu mistagħġba kif seta' jiekol frotta daqshekk morra. Taf x'qal il-qaddej meta r-re staqsieh għala għamel dan? Huwa qal, **'Ja sidi, jien irċevejt ħafna barkiet mingħandek. Għalfejn għandi nkun ingrat meta l-frotta li tajtni llum inzertat daqsxejn morra?'**

Qed tara, Rabia, dan kien biss qaddej tar-re tiegħu **filwaqt li r-relazzjoni bejnna u Alla teħtieġ ħafna aktar lealtà.** Alla jagħtina tant barkiet li aħna lanqas biss nitolbuhom u li aħna m'aħniex denji tagħhom. Mhu xejn jekk Alla llum ppreżentalna diffikultà żgħira. Huwa Jħobb Ħafna u żgur li 'l quddiem jagħtina iżjed."

"Għandek raġun, ma," qalet Rabia. **"X'fiha li ma jkollix ħwejjeġ ġodda għal dan il-Eid! Il-preparamenti tat-tieġ ta' Oħtna Sara huma importanti ħafna u Alla ta l-opportunità lilek u lill-papà biex tgħinuha. Jiena se nilbes il-ħwejjeġ sbieħ li kelli fl-aħħar Eid, il-għaliex għadhom ġodda fjamanti."**

Rabia kienet tifla Waqfe Nau (tarbija ddedikata lill-kawża ta' Alla qabel twelidha) u kellha natural vera sabiħ. Dak li qaltilha ommha kellu effett kbir fuqha. Hija għannqet lil ommha u qaltilha, **"Issa m'iniex se noqgħod nibki fuq affarijiet żgħar bħal dawn."** Ftakret immedjatament fil-ħabiba tagħha tal-iskola Farħat li din ikollha biss xi libsa jew tnejn ġodda fis-sena, iżda din xorta ma tilmentax.

Ix-xogħol tal-iskola kienet tagħmlu tajjeb ħafna u dejjem kienet tiġi l-ewwel fil-klassi. Qabel ma Rabia raqdet dakinhar hija ħasbet kif **il-ġenituri tagħha dejjem għallmuha biex titlob lil Alla jekk ikollha bżonn xi ħaġa** u rrealizzat li fil-verità qatt ma kienet talbet għal libsa ġdida u sabiħa. **Hija bdiet titlob u wara ftit ħakimha n-ngħas.**

L-għada stess omm Rabia xtratilha ftit brazzuletti sbieħ. Filgħaxija kif kienet qed tagħmel il-ħenna (żebgħa użata biex tagħmel id-disinji) fuq idejha, ġie jiġri ħuha Waqas

eċitat, "Wasal iz-ziju! Wasal iz-ziju!" It-tfal kollha werżqu bil-ferħ. Din kienet sorpriża sabiħa li zijuhom ġie jżurhom lejlet l-Eid. Kulħadd kien ferħan, l-aktar minħabba li zijuhom kien wasal mis-safar.

Iz-ziju fetaħ il-basktijiet u beda jqassam ir-rigali li kien ġab lit-tfal. Hekk kif ta r-rigal lil Rabia għajnejha xegħlu bil-ferħ; kien ġabilha libsa sabiħa b'labra meraviljuża li taqbel magħha. **'Din ħolma?'** ħasbet Rabia hekk kif ħarset lejn il-libsa. Il-ferħ tagħha kien bla limiti. **Ħassitha grata immens lejn Alla u stagħġbet mhux ħażin li Huwa kien sema' talbha daqshekk malajr.**

Fl-aħħar wasal jum il-Eid. Rabia libset il-libsa ġdida tagħha biex tmur il-moskea għat-Talb tal-Eid. Kellha ġurnata tal-ġenn tilgħab ma' sħabha bil-ħwejjeġ ġodda u sbieħ tagħha. Kienet rikonoxxenti ħafna lejn Alla għall-barkiet Tiegħu. U ara kif

Alla ppremjaha talli qagħdet bil-għaqal!

"Rabia's Eid"
in Maltese Language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759247